

— fuq in-nuqqas ta' theddida għall-ħarsien tas-sigurtà pubblika skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 sa fejn:

— il-fatt li terzi persuni esprimew l-opinjoni tagħhom f'dawn id-dokumenti "b'mod kunfidenzjali" huwa bla effett peress li r-Regolament Nru 1049/2001 ma jippermetti lill-ebda istituzzjoni tirrifjuta aċċess għal dokument sabiex jiġu protetti ipotetiċi "terzi persuni";

— l-argument tal-Kunsill għall-"protezzjoni" tal-integrità fiżika tal-osservaturi, tax-xhieda u tas-sorsi jindika rieda ta' protezzjoni tal-interessi privati ta' dawn il-persuni u ma jaffettwax is-sigurtà pubblika; u

— il-Kunsill dejjem għandu l-possibbiltà, sabiex jiżgura d-diskrezzjoni fir-rigward ta' ċerti persuni filwaqt li jipproteġi l-interessi tal-pubbliku, li jillimita l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti mitluba billi jħassar, fl-imsemmija dokumenti, ir-referenzi għall-ismijiet li jippermettu li jiġu identifikati "terzi persuni".

— fuq il-fatt li d-dokumenti mitluba kienu diġà ġew żvelati.

(¹) Regolament (KE), Nru 1049/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3 p. 331)

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2009 — Comercial Losan vs UASI — McDonald's International Property (Mc. Baby)

(Kawża T-466/09)

(2010/C 24/106)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Comercial Losan, SLU (Zaragoza, Spanja) (rappreżentant: A. Vela Ballesteros, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: McDonald's International Property Co. Ltd (Delaware, l-Istati Uniti).

Talbiet tar-rikorrenti

— Tilqa' r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, tal-1 ta' Settembru 2009, Każ R 1706/2008-1 Mc. Baby/Mc Kids dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B

1049362 (Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja 4 441 393), li tilqa' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "Mc. Baby" (Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 4 741 393), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: McDonald's International Property Company Ltd.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark figurattiva Komunitarja li fiha l-element verbali "McKids" (trade mark Nru 3 207 354), għal prodotti fil-klassijiet 16, 25 u 28; trade mark verbali Komunitarja "McDONALD'S" (trade mark Nru 62 497), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 28, 29, 30, 31, 32, 35, 41 u 42; u trade mark figurattiva Komunitarja li fiha l-element verbali "McDONALD'S" (trade mark Nru 62 521), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 28, 29, 30, 31, 32, 35, 41 u 42.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa parzjalment.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell milqugħ parzjalment.

Motivi invokati: Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, issostitwit bir-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2009 — Stelzer vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-467/09)

(2010/C 24/107)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Dierk Stelzer (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Weiland, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej